



# Il-Knisja ta' San Bażilju fl-Imqabba

Il-Knisja ta' San Bażilju hi ta' żmien medjevali, u hi l-aktar knisja antika li nsibu fl-Imqabba. Din il-knisja tinsab fil-qalba ta' l-Imqabba, u biswitha nsibu knisja żgħira oħra, dedikata lil San Mikiel. Ta' min jgħid li quddiem dawn iż-żewġ knejjes hemm bitħa magħluqa, bħal zuntier li fiha kienu ġew midfuna dawk li mietu bil-pesta fl-1675.

### Origini

Jidher li l-knisja ta' San Bażilju bdiet tinbena fl-1486, imma giet imkabbra għal aktar minn darba. Dan jikkonfermawh id-dati li nstabu, bħal ngħidu aħna d-data tal-1515 li nstabet imwaħħla mas-salib li qiegħed fuq il-knisja u d-data tal-1551 li tinsab fuq il-kwadru titulari. Meta Monsinjur Duzina żar din il-knisja matul iż-żjara tiegħu fl-1575, sab li din il-knisja kienet l-akbar knisja fl-Imqabba u kienet mgħammra b'kollox; bibien, altar bi kwadru fuqu u anki qassis biex jieħu ħsiebha. Jidher li l-poplu ta' l-Imqabba kien ressaq it-talbiet tiegħu lil Monsinjur Duzina biex l-Imqabba tinqata' mill-parroċċa ta' Bir Miftuh u ssir parroċċa għaliha, iżda t-talba ma ntlaqgħetx. Però din ix-xewqa ntlaqgħet mill-Isqof Gargallo fl-1598 meta l-Mqabba saret paroċċa għaliha u l-knisja ta' San Bażilju serviet bħala l-knisja parrokkjali tar-raħal sakemm fl-1607 tlestieti l-knisja l-ġdida ta' Santa Marija.

Ir-rapport tal-viżita ta' l-Isqof Gargallo f'din il-knisja fl-1600 ikompli jitfa' dawl fuq kemm din il-knisja kienet popolari man-




Mat-Tokki ta' Qniepen Żgħar

... ħarsa mill-qrib lejn il-kappelli tagħna

It-Tnejn fis-7pm u l-Ħadd fis-2pm (rpt.)
fuq Radju Marija 102.3FM

www.kappellimaltin.com

nies tar-raħal f'dak iż-żmien. Fir-rapport insibu illi l-knisja kienet tinsab fi stat tajjeb ħafna u kellha tliet altari

Il-Knisja minn barra u minn ġewwa
Meta wieħed jifli ċerti dettalji ta' din il-faċċata jinduna li dawn huma l-isbaħ xhieda tal-qedem ta' din il-Knisja. Dan jixhdu l-bieb tal-knisja li fuqu hemm skolpita arkata li tispiċċa bil-ponta. Aktar 'il-fuq mill-bieb hemm tieqa tonda għamla ta' warda maqsuma f'sitt kustilji.

Minn ġewwa l-knisja tieħu forma rettangolari b'arkati ppuntati li jixhdu l-influss Sikulu-Normann ta' meta nbniet. Fuq dawn il-ħnejjiet forma ta' arzella, jistrieħu x-xorok tal-knisja.
Il-kwadru titulari ta' din il-knisja għalkemm ma fihx valur artisitiku, fih il-valur storiku u fuq kollox hu kwadru qadim ħafna. Dan il-kwadru jirrappreżenta lill-Missier Etern, lill-Madonna bil-Bambin, lil San Ġużepp, lill-Erwieħ tal-Purgatorju, lil San Bażilju u lil Santu Rokku. Jidher li l-figura ta' Santu Rokku, il-qaddis patrun ta' l-impestati, żdiedet f'dan il-kwadru b'tifkira ta' dawk l-imsejkna li kienu ndifnu fiċ-ċimiterju ta' din il-knisja.

Interessanti ukoll huwa altar laterali li jeżisti f'din il-knisja ta' San Bażilju. L-iskanell imtarraġ fuq in-naħa ta' wara tiegħu, hu repetut fuq in-naħa ta' quddiem fil-mensa u bi gwarniċ tal-ġebel imiss ma' l-istess mensa. Huma kollha traċċi li juru l-qedem ta' dan l-altar. Il-knisja kienet ġiet restawrata fl-1860.
Il-Knisja ta' San Bażilju li ġiet restawrata ftit tax-xhur ilu, tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna. u okkażjonalment tinfetaħ biex isir il-quddies fiha.

Għal aktar informazzjoni fuq din il-kappella żuru www.kappellimaltin.com.

